



Dokument ta' sessjoni

B9-0133/2024

5.2.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Serbja wara l-elezzjonijiet
(2024/2521(RSP))

**Klemen Grošelj, Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Olivier Chastel,
Katalin Cseh, Karin Karlsbro, Michael Kauch, Ilhan Kyuchyuk, Karen
Melchior, Javier Nart, Urmas Paet, Dragoș Pîslaru, María Soraya
Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde
Vautmans**
f'isem il-Grupp Renew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Serbja wara l-elezzjonijiet (2024/2521(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Serbja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-riżultati u l-konklużjonijiet preliminari tal-Missjoni Internazzjonali għall-Osservazzjoni tal-Elezzjoni dwar l-elezzjonijiet parlamentari bikrija tas-17 ta' Diċembru 2023 fir-Repubblika tas-Serbja,
 - wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-2006 tas-Serbja u l-Liġi tagħha tal-2022 dwar l-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-19 ta' Diċembru 2023 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, u l-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir, Olivér Várhelyi, dwar l-elezzjonijiet parlamentari fis-Serbja,
 - wara li kkunsidra d-diskors dwar l-elezzjonijiet fis-Serbja tas-17 ta' Jannar 2024 mogħti mill-Kummissarju għall-Ġustizzja, Didier Reynders, f'isem il-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP / HR), Josep Borrell, fil-plenarja tal-Parlament,
 - wara li kkunsidra l-ittra miftuħa dwar is-sitwazzjoni ta' wara l-elezzjoni fis-Serbja ffirmata mill-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Barranin ta' diversi pajjiżi tal-UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fis-17 ta' Diċembru 2023, is-Serbja organizzat elezzjonijiet parlamentari bikrija u elezzjonijiet lokali f'65 muniċipalità, inkluż Belgrad; billi dawn kienu t-tielet elezzjonijiet parlamentari f'anqas minn erba' snin;
- B. billi qabel il-jum tal-elezzjoni, is-Serbja kienet naqset milli timplimenta rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) u tal-Kummissjoni ta' Venezja, inklużi dawk dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi, miżuri biex jiġi pprevenut l-użu ħażin tal-uffiċċju pubbliku u tar-riżorsi tal-Istat, is-separazzjoni bejn id-dmirijiet uffiċjali u l-attivitajiet ta' kampanja, u mekkaniżmi effettivi biex jiġu pprevenuti l-intimidazzjoni u l-pressjoni fuq il-votanti, inkluż ix-xiri tal-vot;
- C. billi l-kampanja kienet iddominata mill-involviment deċiżiv tal-President Serb, li, flimkien mal-vantaġġi sistemiċi tal-partit fil-gvern, ħoloq kundizzjonijiet inġusti;
- D. billi l-kampanja kienet ikkaratterizzata minn retorika ħarxa, preġudizzju fil-media, pressjoni fuq l-impjegati tas-settur pubbliku u l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi;
- E. billi l-media kienet iddominata mill-preżenza qawwija tal-President Serb u l-biċċa l-

kbira tal-mezzi tal-media kienu taħt l-influwenza qawwija tal-gvern, li ħalla ftit marġni għall-partiti tal-oppożizzjoni minkejja l-bidliet fil-leġislazzjoni; billi l-istrumenti tal-media sponsorjati mir-Russja Sputnik Serbia u Russia Today Balkan, ikkontribwew b'mod attiv għat-tixrid tad-diżinformazzjoni dwar il-kandidati tal-oppożizzjoni;

- F. billi l-kampanja u l-korpi għas-sorveljanza tal-media elettronika baqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom ineffettivi biex jiskoraġġixxu l-ksur matul il-perjodu elettorali;
- G. billi l-jum tal-elezzjoni kien ikkaratterizzat minn diversi nuqqasijiet proċedurali, inkluża l-applikazzjoni inkonsistenti tas-salvagwardji matul il-votazzjoni u l-għadd, każijiet frekwenti ta' ffullar, ksur fis-segretezza tal-vot u diversi każijiet ta' votazzjoni fi grupp;
- H. billi kien hemm allegazzjonijiet kredibbli ta' migrazzjoni tal-votanti u ta' trasport bix-xarabank tal-votanti matul l-elezzjonijiet lokali biex jappoġġjaw lill-partit fil-gvern, b'mod partikolari f'Belgrad;
- I. billi l-Grupp ta' Ħidma ta' bejn l-aġenziji mmexxi mill-gvern dwar il-Koordinazzjoni u s-Segwitu tal-Implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet għat-Titjib tal-Proċess Elettorali għamel progress limitat fl-indirizzar tal-kwistjonijiet pendenti;
- J. billi minn mindu saru l-elezzjonijiet, eluf ta' ċittadini nġabru fi protesti ripetuti li saru quddiem istituzzjonijiet ewlenin, bħall-uffiċċju tal-kunsill ta' Belgrad u l-Kummissjoni Elettorali Ċentrali; billi diversi mexxejja tal-oppożizzjoni, inkluża Marinika Tepić, irrikorrew għal strajks tal-ġuħ sabiex jipprotestaw kontra dak li huma jqisu bħala elezzjonijiet misruqa; billi matul il-protesti ta' Diċembru 2023, il-pulizija użat forza eċċessiva, użat is-swat fuq id-dimostranti u żammet madwar 30 student; billi wieħed mill-prosekuturi li talab li l-istudenti jiġu detenuti sa 30 jum u li dawn jiġu akkużati birreat kriminali ta' mġiba vjolenti u bl-inċitament għal bidla vjolenti fl-ordni konstituzzjonali huwa l-istess prosekutur li ħeles lil Milan Radoičić mill-kustodja fi żmien 24 siegħa wara l-attakk f'Banjska fit-Tramuntana tal-Kosovo;
- K. billi l-organizzazzjonijiet indipendenti Serbi li jiddenunzjaw l-irregolaritajiet matul l-elezzjoni reċenti kienu soġġetti għal attacchi kontinwi minn uffiċjali tal-gvern; billi minkejja l-fatt li dawn xeħtu dawl fuq ħafna evidenza konkreta li tindika frodi elettorali, l-ebda istituzzjoni Serba kompetenti ma segwiet dan;
- L. billi kemm il-President Serb kif ukoll il-media kkontrollata mill-Kremlin allegaw li pajjiżi oħra interferixxew fil-proċess elettorali fis-Serbja b'modi brutali, iżda ma pprovdewx evidenza sostanzjata għal dawn l-affermazzjonijiet; billi l-Prim Ministru Brnabić irringrazzja lis-servizzi tal-intelligence Russi talli pprovdew informazzjoni dwar l-attivitajiet ippanati tal-oppożizzjoni;
- M. billi minn mindu saru l-elezzjonijiet, politiċi ewlenin Serbi, inkluż il-President, kasbru b'mod inġust lill-Membri tal-Parlament Ewropew u lil membri oħra tal-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali;
- N. billi l-infiq fuq il-kampanja minn partijiet terzi baqa' mhux regolat, u b'hekk rakkomandazzjoni preċedenti tal-OSKE/tal-ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezja baqgħet ma ġietx indirizzata u kellha impatt fuq l-effettività tar-regolamenti tal-kampanja;

- O. billi matul l-aħħar għaxar snin minn meta l-President Vučić ħa l-poter, kien hemm erożjoni kontinwa tal-libertà tal-media fis-Serbja, ikkaratterizzata minn theddid u saħansitra attakki fiżiċi kontra l-ġurnalisti; billi r-Reporters mingħajr frontieri taw fost l-aktar punteġġi baxxi lis-Serbja fl-Ewropa f'dak li huwa l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tagħha, u fl-2023 il-pajjiż niżel 12-il post biex sab ruħu fil-91 post;
1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-ambjent elettoralu ġenerali u l-ħafna irregolaritajiet irrapportati u identifikati mill-OSKE/ODIHR fir-rapport preliminari tiegħu, li kienu ferm taħt l-istandards mistennija għal pajjiż kandidat tal-UE; ifakkar lill-awtoritajiet Serbi li l-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet demokratiċi tas-Serbja jinsab fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni tas-Serbja mal-UE u tal-metodoloġija ta' adeżjoni tal-UE;
 2. Jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti minn esperti u istituzzjonijiet legali internazzjonali rrispettati dwar l-irregolaritajiet elettoralu, peress li ċerti allegazzjonijiet, inklużi dawk rigward il-migrazzjoni organizzata tal-votanti fil-livell lokali, imorru lil hinn mill-ambitu kopert mir-rapporti tal-OSKE/ODIHR;
 3. Jinnota, bi tħassib, li wħud mill-irregolaritajiet elettoralu li wasslu għall-elezzjonijiet ta' Diċembru 2023 jikkostitwixxu attivitajiet kriminali potenzjali skont il-liġi Serba u l-Kostituzzjoni tagħha; ihegġegħ lill-awtoritajiet Serbi u lill-ġudikatura jinvestigaw bir-reqqa u fil-pront l-allegazzjonijiet kollha relatati mal-proċess elettoralu, ix-xiri tal-voti u l-finanzjament illegali tal-kampanja;
 4. Huwa mħasseb dwar il-valutazzjonijiet li xi parteċipanti fil-protesta li saret fl-24 ta' Diċembru 2023 irċevew trattament aħrax b'mod sproporzjonat mill-pulizija u mill-ġudikatura; jikkundanna l-użu eċċessiv tal-forza tal-pulizija matul il-protesti, li huwa f'kuntrastr qawwi mal-prattiki tal-pulizija Serba f'każijiet ta' protesti preċedenti fil-pajjiż; ihegġegħ lill-missjonijiet diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri jkomplu jimmonitorjaw il-kawżi legali li għaddejjin bħalissa relatati mal-protesti;
 5. Jinnota, bi tħassib, li s-Serbja ma implimentatx ħafna rakkomandazzjonijiet li l-OSKE/l-ODIHR ilhom li għamli żmien twil dwar kwistjonijiet ewlenin fil-proċess elettoralu, minkejja li ġiet ripetutament imhegġga tagħmel dan, inkluż mill-Kummissjoni; ihegġegħ lis-Serbja tibda timplimenta minnufih ir-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha tal-OSKE/tal-ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezja, mingħajr dewmien jew selettività;
 6. Jenfasizza li ma għandu jittieħed l-ebda pass ulterjuri fil-proċess ta' adeżjoni tas-Serbja mal-UE sakemm ikun hemm titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet elettoralu u fl-indirizzar ta' kwistjonijiet legali relatati mal-allegati irregolaritajiet;
 7. Huwa mħasseb dwar il-passività mhux ġustifikata tal-Awtorità Regulatorja għall-Media Elettronika (REM), li żdiedet meta mqabbla mal-elezzjonijiet preċedenti; jinnota, bi tħassib, li l-REM ippubblikat biss riżultati ta' monitoraġġ għax-xandar pubbliku u għall-kanali privati bil-kejbil, iżda mhux għall-kanali nazzjonali privati qrib il-partit fil-gvern;
 8. Jitlob li jiġu adottati miżuri biex jissaħħu l-indipendenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Regulatorja għall-Media Elettronika (REM), filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib li tqajjem minn diversi partijiet ikkonċernati dwar il-kompożizzjoni u l-influwenza politika tagħha;

9. Jistieden lis-Serbja timplimenta r-rakkomandazzjoni li l-OSKE/l-ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja ilhom li għamli żmien twil biex twettaq awditu komprensiv tar-Reġistru tal-Votanti Unifikat ħalli tindirizza t-tħassib dwar l-akkuratezza, inklużi allegazzjonijiet ta' migrazzjoni tal-votanti u entrati ta' persuni meġta;
10. Jesprimi tħassib serju dwar każijiet ta' pressjoni fuq l-impjegati tas-settur pubbliku, l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi u l-iskemi ta' inċitament għall-votanti matul il-perjodu tal-kampanja, u jitlob miżuri biex jiġi żgurat li l-votanti jkunu jistgħu jagħmlu għażliet ħielsa minn pressjoni bla bżonn;
11. Ihegġegħ lir-Repubblika tas-Serbja ssaħħaħ ir-regolamenti tal-kampanja biex tiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-forzi politiċi parteċipanti kollha, inkluża l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi effettivi ta' infurzar, l-istabbiliment ta' limitu tan-nefqa u miżuri biex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani potenzjali;
12. Jitlob li ssir riforma tal-effettività tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza tal-kampanja, inkluż tal-Aġenzija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u tal-Kumitat *ad hoc* għas-Sorveljanza tal-Kampanji, biex jiġi żgurat indirizzar f'waqt u trasparenti tal-ilmenti relatati mal-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi;
13. Jitlob is-soluzzjoni f'waqtha u trasparenti tat-tilwim elettorali, filwaqt li jenfasizza l-importanza li jinżammu l-indipendenza u l-imparzjalità fil-proċess tas-soluzzjoni tat-tilwim elettorali;
14. Jistieden lis-Serbja tirregola l-infiq fuq il-kampanja minn partijiet terzi biex tiżgura t-trasparenza u tipprevjeni ċ-ċirkonvenzjoni tar-regoli finanzjarji tal-kampanja;
15. Jitlob li jsir rieżami bir-reqqa tar-regolamenti dwar il-media biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-indipendenza tal-media, id-diversità tal-fehmiet u l-influenza tal-partit fil-gvern; jitlob li jittieħed approċċ inklużiv għall-kopertura tal-media, li jiżgura aċċess ġust għax-xandara pubbliċi u privati għall-partiti politiċi kollha u li jiskoraġġixxi prattiki li jillimitaw id-diversità tal-fehmiet;
16. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Serbi jindirizzaw allegazzjonijiet ta' insulti verbali, attakki u intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti, filwaqt li jiżguraw ambjent sikur u abilitanti għall-professjonisti tal-media biex iwettqu dmirijiethom;
17. Jissottolinja li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom jagħmlu aktar biex jiżguraw li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-ġurnalisti u tal-media Serbi; jirrimarka li l-aċċess għall-finanzjament ta' qabel l-adeżjoni għandu jintuża bħala ingranaġġ biex is-sitwazzjoni tal-libertà tal-media ma tibqax sejra lura;
18. Jikkundanna bil-qawwa l-asserzjonijiet mhux sostanzjati li l-Istati Membri tal-UE qed jorganizzaw protesti ta' wara l-elezzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-protesti ntużaw bħala skuża biex jinfirxu narrattivi kontra l-UE fil-media qrib il-partit fil-gvern;
19. Ma japprovax bil-qawwa t-tkasbir mhux iġġustifikat dirett lejn il-Membri tiegħu u l-membri tal-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali minn politiċi Serbi ewlenin, u jitlob li jerġa' jkun hemm diskors li juri rispett u kostruttiv, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' rispett reċiproku fil-proċess demokratiku;

20. Iħeġġeġ lir-Repubblika tas-Serbja tindirizza t-tħassib dwar il-parteċipazzjoni tal-minoranzi nazzjonali fil-proċess elettorali, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-kriterji għall-istatus ta' minoranza u tindirizza l-vulnerabbiltajiet għall-pressjoni u x-xiri tal-voti;
21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Elettorali tar-Repubblika biex tieħu l-passi meħtieġa ħalli tindirizza t-tħassib dwar it-trasparenza u l-effiċjenza tal-funzjonament tagħha, inkluża l-pubblikazzjoni f' waqtha tar-riżultati tal-monitoraġġ matul il-perjodu tal-kampanja;
22. Iħeġġeġ lir-Repubblika tas-Serbja tqis emendi leġiżlattivi biex issaħħaħ ir-rwol tal-osservaturi ċittadini, filwaqt li tiżgura l-kontribut effettiv tagħhom għat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-proċess elettorali;
23. Jesprimi l-impenn tiegħu li jappoġġja lis-Serbja fit-tisħiħ ulterjuri tal-istituzzjonijiet demokratiċi u tal-proċessi elettorali tagħha, filwaqt li jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi identifikati biex jiġu żgurati elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti li verament jirriflettu bis-sħiħ ir-rieda tal-poplu Serb;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tas-Serbja.